# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 31 ta’ Mejju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 280/94**

**Id-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni**

**vs**

**Arthur Briffa**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTUR</u>**

1. L-attur intavola c-citazzjoni segwenti :-

Peress illi l-konvenut, kien ingaggat bhala “time keeper” mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni ;

Peress illi l-konvenut thallas hamest elef, disa' u erbghin lira, hamsa u sittin centezmu u seba' millezmi (Lm5049.65,7) bhala pagi ghall-perjodu li jkopri Settembru ta' l-1987 sa Jannar ta l-1990 ;

Peress illi l-ammont thallas indebitament peress illi ma attendiex ghax-xoghol matul il-perjodu fuq imsemmi ;

Peress illi d-debitu ta' hamest elef, disgha u erbghin lira hamsa u sittin centezmu u seba' millezmi (LM5049.65,7) baqa' ma thallasx ghalkemm gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1993, Dok A ; u

Peress illi fil-fehma ta' l-attur il-konvenut, m'ghandux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba attrici ;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-

(i) Tiddeciedi skond it-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

(ii) Tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-attur id-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni fis-somma ta' hamest elef disgha u erbghin lira, hamsa u sittin centezmu u seba' millezmi (Lm5049.65,7) ammont li thallas indebitament.

(iii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont imhallas lilu indebitament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-12 ta' Lulju 1993, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa hekk :-

"Illi l-azzjoni attrici hija parzjalment preskritta bi preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi in oltre, l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma gie qatt imkecci mix-xoghol.

Illi dak allegat huwa nveritier peress illi l-konvenut kien jaghmel xogholu regolarment.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. L-ewwel Qorti (diversament preseduta) fit-30 ta' Marzu, 1995, iddikjarat illi l-konvenut kien kontumaci in kwantu naqas li jipprezenta flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu dikjarazzjoni guramentata tal-fatti kif provdut fl-Artikolu 158(1) tal-Kap. 12. B'dan pero' li l-istess konvenut iggustifika l-kontumacja tieghu li ghaliha hu bl-ebda mod ma kien responsabbli. Ghalhekk il-konvenut gie ammess li jipprezenta d-dikjarazzjoni tal-fatti liema dikjarazzjoni kellha tigi mahlufa f'idejn id-Deputat Registratur.

Illi l-ewwel Qorti fit-18 ta' Gunju, 1999, cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ghaliex naqas li jispecifika l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu eccepixxa l-preskrizzjoni waqt li ma laqghetx it-talbiet ta' l-attur ghaliex il-pretensjonijiet ta' l-attur ma gewx sufficjentement.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

L-attur hass ruhu aggravat b'dawn iz-zewg sentenzi u interpona appell minnha fuq l-aggravju li gej :-

(1) Illi l-ewwel Qorti, diversament preseduta minn dik li tat id-decizjoni finali, fis-sentenza taghha tat-30 ta' Marzu 1995, wara li ddikjarat li l-konvenut kien kontumaci ghax naqas li jipprezenta d-dikjarazzjoni li trid takkumpanja kull citazzjoni, izda mbaghad tatu l-fakolta' li jahlef tali dikjarazzjoni quddiem id-Deputat Registratur.

Illi dina d-decizjoni tmur kontra l-kliem espress ta' l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 ghal darba, darbtejn (subartikolu (4) u (5)) iqis li din id-dikjarazzjoni hija mandatorja u li r-registratur lanqas biss m'ghandu jircievi xi nota ta' eccezzjonijiet jekk ma jkollhiex din id-dikjarazzjoni maghha.

Ghaldaqstant l-ewwel Onorabbli Qorti ppermettiet li jkun ipprezentat att li mhux skond il-ligi u ghaliex nieqes mid-dikjarazzjoni li hija mandatorja. Isegwi li din id-decizjoni ghandha tigi revokata.

(2) It-tieni aggravju jikkonsisti fil-konkluzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-apprezzament tax-xhieda. L-ewwel Onorabbli Qorti f'pagna 3 tas-sentenza qalet :-

"Fid-dawl ta' dan kollu u in vista ta' dak li qalu xhieda ohra prodotti mill-attur ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet ta' l-attur gew sufficjentement pruvati. Il-fatt li ma rrizultawx l-attendance sheets debitament iffirmati mill-konvenut ma jistax jigi attribwit lill-istess konvenut. Jidher li dan principalment huwa nuqqas attribwibbli lid-Dipartiment in kwistjoni. Il-fatt wahdu li l-konvenut fil-perjodu in kwistjoni ma talab ebda forma ta' leave ma jfissirx li ma kienx jattendi ghax-xoghol."

F'kawza civili, waqt li l-oneru tal-prova jaqa' dejjem fuq l-attur, il-provi tieghu jridu jkunu biss fuq bilanc ta' probabilita' u mhux bhal fil-Kriminal

"beyond a reasonable doubt". Waqt illi l-produzzjoni ta' l-attendance sheets kienet tkun prova ahjar milli hemm fil-process, madankollu fil-process hemm spunti bizzejjed ta' provi li l-konvenut ma kienx jattendi ghax-xoghol regolarment.

Fix-xhieda ta' Joseph tanti naqraw :-

"Dif atti rrizultalna f'hin minnhom li Briffa kien ilu ma jattendi x-xoghol mill-1987. …….. Skond ir-records jirrizulta li minn Settembru 1987 sa Jannar 1990 il-konvenut kellu jirrapporta ghax-xoghol fl-Iskola Primarja tax-Xghajra. Huwa kellu jirrapporta ghax-xoghol fil-kindergarten ta' l-imsemmija skola tax-Xghajra. F'dak iz-zmien din l-iskola ma kienitx ghadha mibnija u x-xoghol tal-konvenut kien bhala watchman."

Dwar dan il-konvenut xehed hekk :-

"Ghandi nghid li jiena domt immur l-Iskola tax-Xghajra xi gimgha jew ghaxart ijiem biss.
Nikkonferma wkoll li meta bdiet tiffunzjona l-iskola jiena ma kontx nattendi bhala impjegat f'din l-iskola."

U l-headmistress ta' l-iskola tax-Xghajra :-

"Lili kienu talbuni biex nibghat xi attendance sheets ghar-rigward ta' certu Arthur Briffa. Pero' jiena, sa fejn niftakar jiena, qatt ma kien jidher fil-lista ta' l-impjegati ta' l-iskola li semmejt cioe' Xghajra Primary School. Minhabba li kif semmejt din l-iskola fethet f'Dicembru 1989, jiena ma stajtx nibghat l-attendance sheets li talbuni. Ma niftakarx li kont ircevejt ittra li biha gejt informata li certu Arthur Briffa kien ser jibda jahdem fl-imsemmija skola."

Minn dan kollu jidher li l-konvenut ma attendiex (hlief ghal ghaxart ijiem, jekk naccettaw ix-xhieda tieghu) il-post tax-xoghol li kien assenjat biex jahdem fih.

It-tieni spunt huwa l-amnesija totali ta' l-ismijiet tan-nies li kienu jiffirmaw it-timesheets mal-konvenut. Huwa stramb hafna kif ma tkun kapaci ssemmi ebda isem li jidher f'timesheet li fuqha tkun qed tiffirma kuljum ghal tliet snin.

It-tielet spunt huwa dwar il-kwistjoni tal-leave. L-ewwel Onorabbli Qorti rragunat li n-nuqqas tat-talba ghal-leave ma jfissirx li l-konvenut ma kienx jattendi ghax-xoghol. Bir-rispett kollu meta gew pprezentati dokumenti mid-dipartiment li juru ceta patterns ta' tehid ta' leave u sick leave u dan f'daqqa wahda jieqaf dan ghandu jservi ta' prova indiretta ohra li l-konvenut ma kienx qed imur ghax-xoghol.

Huwa sintomu wkoll li meta ngibdet l-attenzjoni tal-konvenut biex jirrifonda s-somma ta' Lm5000, dan ftit wara beda jitlob l-unpaid leave (ara xhieda ta' Joseph Tanti) u wara, skond ix-xhieda ta' l-istess konvenut, dan ha sentejn unpaid sick leave. Dan l-ahhar punt ma jistax jigi skartat ghax l-unpaid sick leave intalab wara z-zmien in kwistjoni. U mix-xhieda jidher li l-konvenut lanqas biss ha hsieb jaccerta ruhu mad-dipartiment li dan l-unpaid leave kien qed jinghatalu.

U jekk niehdu x-xhieda ta' bint l-istess konvenut, il-problemi fid-dar ma bdewx fl-1990, izda qabel. It-tifla xehdet fit-28 ta' April 1997 u kkalkolat li xi tmienja jew ghaxar snin qabel kien hemm l-inkwiet fid-dar. Dan jehodna ghas-sena 1987 jew 1989. Mela l-motiv il-ghala ntalab l-unpaid leave ma bediex jissusisti f'Marzu ta' l-1990.

Ir-raba' spunt huwa : kemm hemm konsistenza bejn li wiehed jghid li kien jiffirma regolarment (ara xhieda tal-konvenut l-ewwel faccata) u mbaghad tircievi c-cekk id-dar? Ic-cekkijiet imorru ghalihom il-haddiema personalment fl-Accounts Section u biex jintbaghtu d-dar irid ikun hemm xi haga mhux tas-soltu bhal, per ezempju, long leave.

**Dawn il-punti flimkien joholqu prova bizzejjed ta' kemm il-konvenut ma kienx jattendi ghax-xoghol fil-perjodu in kwistjoni.**

Ghal dawn il-motivi l-esponent, waqt li qed jaghmel referenza ghall-provi diga' prodotti, u jirriserva d-dritt li jgib kwalunkwe prova ohra permessa mil-ligi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti,

(i) Tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fit-30 ta' Marzu 1995, u tqis bhala nulli u bla effett in-nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-konvenut appellat ;

(ii) Tirriforma s-sentenza moghtija fit-18 ta' Gunju 1999 billi :-

(a) tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ;

(b) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn cahdet it-talbiet attrici ; u minflok tilqa' t-talbiet attrici.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**<u>RISPOSTA TA' ARTHUR BRIFFA</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi s-sentenza moghtija hija gusta u timmerita konferma.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-attur appellant harrek lill-konvenut ghar-rifuzjoni ta' Ln5049.65c7m rapprezentanti hlas ta' salarju li jkopri l-perjodu Settembru 1987 ta' Jannar 1990 billi allega li dan l-ammont gie mhallas lill-konvenut billi m'attendiex ghax-xoghol f'dan il-perjodu.

Il-konvenut – wara li kien gie ddikjarat kontumaci u sussegwentement ammess biex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet b'sentenza <u>in parte</u> ta' l-ewwel Qorti moghtija fit-30 ta' Marzu 1995 – eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkennali dwar parti mill-ammont mitlub u kkontesta l-bqija billi jghid li ma kienx minnu li huwa assenta ruhu mil-lant tax-xoghol.

7. L-ewwel aggravju ta' l-attur hu li l-ewwel Qorti zbaljat meta tat lill-konvenut il-fakolta' li jahlef dikjarazzjoni biex din takkompanja lin-nota ta' l-eccezzjonijiet gja' pprezentata minnu billi dan imur kontra dak li hemm fl-artikolu 158(4)(5) tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti, jissottometti l-appellant, ippermettiet ghalhekk li jigi pprezenat att li mhux skond il-ligi ghaliex nieqes mid-dikjarazzjoni li hija wahda mandatorja u ghalhekk kien isegwi li din id-decizjoni <u>in parte</u> kellha tigi revokata.

8. Din il-Qorti, wara li ezaminat is-sottomissjonijiet tal-attur dwar l-ewwel aggravju u qablitu ma' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, sabet li l-

appellant ma kienx ghal kollox korrett, u lanqas gust, ma' dak li realment gie deciz mill-ewwel Qorti. Dik il-Qorti, fil-fatt, wara li esprimiet ruhha fis-sens li ma kienitx konvinta bis-sottomissjoni tal-konvenut illi dan kien ipprezenta wkoll dikjarazzjoni guramentat flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet, ghaddiet imbaghad biex tara b'mod approfondit x'inhuma l-effetti tan-nuqqas ta' prezentata ta' dikjarazzjoni guramentata. Dik il-Qorti kkonkludiet, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti, li aktar milli jigi sostnut li hawn si trattava ta' nullita', kif qed jinsisti l-appellant,

> "Hu aktar proprju li l-ligi tqis li hemm difett sostanzjali fil-kontestazzjoni billi jonqos att – id-dikjarazzjoni guramentata – li hu meqjus bhala <u>sine qua non</u> u <u>ad validitatem</u> biex il-konvenut juri lill-Qorti li ma kienx bi hsiebu 'jammetti t-talba'. La non si tratta ta' <u>nullita'</u> ta' att ma hux il-kaz li l-Qorti tindaga jekk tali nuqqas hux jew le sanabbli."

Minn dan il-punt imbaghad, u wara li l-Qorti irravizat nuqqasijiet sija fl-operat ta' l-avukat tal-parti konvenuta kif ukoll da parti tad-Deputat Registratur assenjat fir-Registru, ghaddiet biex finalment tammetti lill-konvenut biex dan jiggustifika l-kontumacja tieghu u kien biss wara li l-ewwel Qorti dehrilha – diskrezzjoni moghtija lilha espressament mil-ligi fl-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 – li hemm ragunijiet bizzejjed biex taghti lill-konvenut l-fakolta' li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kompluta

skond il-ligi, li l-konvenut spicca biex ghadda minn stat ta' kontumacja ghal iehor ta' eccipjent fis-sens tal-ligi tal-procedura. Fl-operat ta' l-ewwel Qorti, kif hawn fuq succintament imsemmi, ma hemm xejn x'wiehed jimpunja fejn jiccensura u ghalhekk l-ewwel parti ta' l-aggravju ta' l-attur qieghda tigi respinta.

9. Dwar l-aggravju fil-meritu, din il-Qorti tibda billi tosserva li ghal dak li jikkoncerna l-apprezzament tal-provi fattwali maghmul mill-ewwel Qorti, hija prassi ormai stabbilita ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax leggerment l-istess apprezzament jekk mhux ghal raguni serji jew gravi talment li tkun tiddetta xort'ohra.

Dan maghdud, din il-Qorti, u wara li gharblet, mill-gdid il-provi kollha li gew prodotti fl-ewwel istanza, m'hijiex tal-fehma li hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata.

10. Skond l-attur "fil-process hemm spunti bizzejjed ta' provi l-konvenut ma kienx jattendi ghax-xoghol regolarment".

Mill-provi prodotti jirrizulta li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kien baghat lill-konvenut jahdem fi skola li kienet ghadha lanqas biss tiffunzjona. Jirrizulta li meta d-Dipartiment ikkoncernat kiteb lill-Headmistress Josephine Grech tal-Iskola Primarja tax-Xghajra biex din tibghatlu l-

"attendance sheet" tal-konvenut, dan qatt ma seta jsir l-ewwelnett ghaliex skond din ix-xhud (fol 94 – 95 tal-process),

> "…… sa fejn niftakar jiena (il-konvenut) qatt ma kien jidher fil-lista tal-impjegati tal-Iskola ….."

Il-provi juru li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni assenja lill-konvenut biex jahdem fi skola fantazma u wara beda jippretendi li jigi rifuz lid-Dipartiment is-salarju mhallas lill-konvenut meta jirrizulta li, minflok, il-konvenut kien ikun fis-Segretarjat tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Il-Kap ta' l-Iskola fuq imsemmija, <u>prodotta mill-appellant innifsu</u>, xehdet hekk :-

> "Minhabba li, kif semmejt, din l-iskola fethet f'Dicembru 1989, jiena ma stajtx nibghat l-attendance sheets (dwar il-konvenut) li talbuni".

11. L-appellant jipprova jibni argument mill-fatt li l-appellant meta mistoqsi kienx jiftakar xi ismijiet ta' haddiema ohrajn li kienu jiffirmaw mieghu u dan wiegeb fin-negattiv. Dwar il-fatt pero' li dawn l-"allowance sheets" baqghu ma gewx esebiti ghax intilfu jikkummenta biss li ghalkemm il-produzzjoni taghhom "kienet tkun prova ahjar" hemm provi sufficjenti minn "spunti" ohrajn. Il-Qorti tistaqsi wara li l-attur baghat lill-konvenut jirrapporta ghax-xoghol fi skola li kienet ghadha mhux tiffunzjona u talab lill-konvenut jaghti spjegazzjoni kif ismu ma kienx fl-"attendance sheets", kif jiggustifika l-attur il-fatt li dawn l-"attendance sheets", hekk importanti ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza, baqqghu ma nstabux?

12. Jidher wisq evidenti li r-raguni vera li induciet, ossija kkostringiet lill-attur biex jagixxi billi jharrek lill-konvenut, kienet gejja mill-fatt li d-Direttur tal-Verifika gustament qanqal "query" dwar fejn sewwa sew kien "posted" il-konvenut. Kien hemm ukoll fil-frattemp passi gudizzjarji mehudin mill-mara tal-konvenut li kienet qieghda tmexxi kontra zewgha ghall-manteniment u fittxet tottjeni sekwestru fuq is-salarju tieghu – kienu dawn iz-zewg fatturi li pprecipitaw l-affarijiet ghaliex altrimenti l-operat tad-Dipartiment kien probabbilment jibqa' jipperdura fi stat ta' fatt li huwa tabilhaqq kundannabbli. Huwa ghalhekk inutli ghall-abili difensur legali ta' l-attur, u dan qed jinghad mhux bhala xi riflessjoni negattiva fuqu ghax hu qeghda dmira tajjeb fic-cirkustanzi, li jislet argoment dwar certa patterns ta' tehid ta' leave u sick leave da parti tal-konvenut meta min ihaddmu stess ma kellhu l-ebda kontroll fuqu hlief li jibghatlu s-salarju b'cekk fir-residenza tieghu li, bil-maqlub ta' dak sottomess mill-istess patroncinant legali, kienet din konformi ma' prassi dakinhar vigenti – hekk ara ittra Dok CG2, fol 30 iffirmata minn certu Philip Borg, AO Salaries, li inter alia tghid hekk,

> "Mr. Arthur Briffa used to receive his monthly salary direct home as was the estabilished procedure at the time". (sottolinear tal-Qorti).

Din il-korrispondenza giet esebita bhala parti mill-provi ta' l-attur u twaqqa' dak li gie sottomess mill-attur.

13. In-nuqqas kwazi totali ta' kontroll dwar l-"attendance sheet" jemergi kjarament mill-provi, kif juru dawn il-brani, fost dwar ohrajn, li l-Qorti sejra ssemmi :-

(i) Xhieda ta' Joseph Tanti, inkarigat mit-Taqsima tas-Salarju tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (fol 86) ;

> "Ghandi nghid li skond ir-regolamenti il-konvenut kellu jiffirma l-attendance sheet, fejn ma nafx ghaliex l-iskola kienet ghadha tinbena ….."
>
> (fol 87) :
>
> "Wara li nfethet l-iskola kellu suppost jinzamm attendance sheet hemmhekk. Jiena ma nafx x'sar f'dan ir-rigward f'dan il-kaz …."

(ii) Xhieda ta' Joseph Galea area supervisor fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni inkarigat mill-'minor staff' ;

> (fol 97) : "….. jiena qatt ma kelli "attendance sheets" li kienu jirrigwardaw lill-Arthur Briffa peress li huwa qatt ma kien fis-sezzjoni li kont niehu hsieb jiena."

Il-konvenut xehed hekk dwar dan il-punt ;

> (fol 103) : "Meta kont nahdem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jiena kont niffirma regolarment. It-'time keeper' kien certu Joseph Galea u jiena kont niffirma kif ghidt qabel kuljum."

Tali prova dwar attendenza fuq il-lant tax-xoghol kienet kjarament tispetta lill-attur u din ma saritx.

14. Hemm provi bizzejjed li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kien edott bil-fatt, jew almenu kien ben konsapevoli tieghu, li l-konvenut kien ikun "fost grupp ta' haddiema li kienu jiddependu direttament mis-Segretarjat tal-Ministeru (ta' l-Edukazzjoni)" – ara xhieda ta' Joseph Galea (fol 96 – 97 tal-process). Dan ix-xhud ikompli jelabora dwar dan il-punt :-

> "Pero' ahna ma kellniex x'naqsmu ma' dawn in-nies. Dan qed nghidu ghar-rigward ta' meta jiena kont fil-Ministeru. Jiena kont fil-Ministeru minn Novembru 1987 sal-1992."
>
> x x x
>
> "Jiena nikkonferma li sa fejn naf jiena x-xoghol li kien jaghmel Briffa kien mis-Segretarjat kif semmejt qabel."

Dan il-fatt hu sostanzjalment korroborat bix-xhieda moghtija mill-konvenut. Issa jekk dak iz-zmien l-attur kien "kuntest" li jhalli ghaddejja sitwazzjoni bhal din bla ma jesigi kjarifikazzjoni cara u tonda min-naha tal-Ministeru u oltre dan baqa' jibghat il-hlas tas-salarju lill-konvenut fir-residenza tieghu, ma jistax issa jippretendi li jitlob rifuzjoni meta lanqas jinsab f'posizzjoni li jsostni b'mod kredibbli dak li qed jippremetti fl-att tac-citazzjoni. L-attur f'dan il-kaz ghandu jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu li waslu biex kull kontroll fuq il-presenza o meno tal-konvenut fuq il-lant tax-xoghol gie rez impossibbli. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tirrespingi l-aggravji kollha ta' l-attur billi dawn jirrizultaw infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi,

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg mg